A.L. 71 ta' l-1980

ATT TA' L-1976 DWAR IL-ĦABS
(ATT NRU. IX TA' L-1976)

Ordni ta' l-1980 dwar Dikjarazzjoni ta' Postijiet bħala Ħabs

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1976 dwar il-Ħabs, il-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1980 dwar Dikjarazzjoni ta' Postijiet bħala Ħabs. Titolu.

2. Il-post imsemmi fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni huwa b'dan dikjarat li hu ħabs għall-finijiet ta' l-Att ta' l-1976 dwar il-Ħabs. Il-*Lock-up* tal-Qrati tal-Belt dikjarat ħabs.

SKEDA

(Paragrafu 2)

Il-*lock-up* fl-edifiċċju li fih hemm il-Qrati fil-Belt Valletta.